## FARAĠ L-GHAJJIENA

*Meta jitqal il-lejl fuq xfar għajnejja*
*Miftuħa, mingħajr ngħas, wil-ħemda tqila*
*Tbażżagħni, u tħallini mingħajr ħila,*
*Fommi marsus, kull ħoss għajta f'widnejja,*
*Twerżiq ta' ruħ mitlufa riesqa lejja,*
*F'qalbi nsejjaħ isimha, ngħajjat LilHa*
*Dawl t'Alla u tal-pitturi l-isbaħ tila,*
*U f'moħħi mbewden nitlob għarkubbtejja:*
*"Madonna ta' Ġesù, Faraġ l-għajjiena,*
*Tbissima ta' qawsalla, Ġnien ta' sliema,*
*Warda tal-iġbla, u qawwa tat-tajbin.*
*Imbagħad xħin nara wiċċha, qalbi jiena*
*Inħossha ssirli nar, għax bħala liema*
*Fost kollha n-nisa, wennset il-Bnedmin?*

8.i.63

## ~~VIRGO MARIJA~~

*~~Li kelli l-ħila ta' Messer Petrarca~~*
*~~Għall-kitba tas-sunett, kont nikteb mija,~~*
*~~Mitejn, elf w iżjed, kollha għalik Marija,~~*
*~~Tal-bniedem mitluq waħdu sejf u tarka.~~*
*~~U fiħom kont inxandrek Omm il-Barka,~~*
*~~Il-Kewkba tar-Rużarju u l-Litanija,~~*
*~~Li twieldet, għexet, mietet mingħajr ħtija.~~*
*~~U qabżet għall-bnedmin mid-dnub imfarrka,~~*
*~~Għax akbar w isbaħ int minn Donna Laura,~~*
*~~U n-nisa li għannew l-poeti kbar,~~*
*~~B'versi li ġmielhom żejjen ħajr l-imħabba.~~*
*~~Għenni biex xewqti sseħħ, ngħannik il-Ġawbra,~~*
*~~Fil-mantar t'Alla li jgħattik bħal star,~~*
*~~Verġni u Omm li l-ebda dnub ma' tabba'.~~*

~~9.i.63~~